MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2004

Appell Kriminali Numru. 40/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

***… omissis …***
**Michael Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael Borg talli fl-24 ta' Novembru, 2000, ghall-habta tas-7.00pm, fi Triq Burmarrad, Burmarrad, saq mutur Nru. RUN-660 (1) b'giri aktar milli jmissu (2) b'manjiera perikoluza (3) u aktar b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma' vettura Nru. MAP-661 u nvolontarjament kkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Nadia Buhagiar skond kif iccertifika Dr J Saliba M.D. mic-Centru tas-

Sahha tal-Mosta. Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Frar, 2004 li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat l-ewwel imputazzjoni bhala preskritta izda sabet lill-imsemmi Michael Borg hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u kkundannatu multa ta’ mitt liri Maltin (Lm100) u skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenza tas-sewqan ghal tliet xhur minn dakinhar tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Michael Borg minnu prezentat fis-16 ta’ Frar, 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn qieset l-ewwel imputazzjoni bhala preskritta u thassar, tannulla u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, u f’dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-appell kif intavolat jirrikjedi ezami u revizjoni ta' l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti, apprezzament li din il-Qorti ma tiddisturbax jekk tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha[1].

Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku fi Triq Burmarrad, Burmarrad f'dik il-parti tat-triq fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar wara li tkun qbizt il-knisja parrokkjali ta' Burmarrad u specifikatament fil-kantuniera ma' New Street off Burmarrad Road. F'din il-parti ta' Triq Burmarrad it-traffiku jimxi *one way* lejn San Pawl il-Bahar. L-appellant kien qieghed isuq mutur numru RUN 660 u kellu mieghu lil

[1] Ara sentenza moghtija llum stess minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**.

Nadia Buhagiar. Mark Anthony Portanier kien qieghed isuq il-van numru MAP 661.

Skond Mark Anthony Portanier, huwa kien wara t-traffiku, mixjin bil-mod. It-traffiku kien *single lane*. Hdejn il-bazaar tal-knisja xeghel l-*indicator* biex jidhol fi New Street u jdur lura lejn il-Mosta. Beda jdur u giet id-daqqa. Qal li hares mill-mera tan-nofs u beda jdur ghax ra li ma kien gej xejn. Fuq ix-xellug kien hemm vetturi pparkjati, inkluz trakk u land rover warajh. Skond hu, l-ispeed tal-mutur ma kienx bil-mod. Il-hsara tieghu kienet fuq il-bieba tas-sewwieq, il-mera tal-genb u hub cap.

L-appellant xehed li t-traffiku kien fuq in-naha tax-xellug tat-triq miexi bil-mod u hu kien miexi man-naha tal-lemin fejn kien hemm bizzejjed spazju ghal karrozza ohra. Is-sewwieq tal-van kiser ghal fuqu f'daqqa waqt li kien qieghed ma' genbu u meta kien diga` bil-mutur qabad New Street (cioe` bi New Street fuq il-lemin tieghu). Allega li l-*indicator* inxteghel wara l-habta. Sostna li kien miexi fil-lane tieghu bi ftit aktar speed mill-vetturi l-ohra u ma kienx attent ghal x'tip ta' vetturi kien hemm fuq ix-xellug tieghu.

Nadia Buhagiar ikkonfermat li t-traffiku kien miexi bil-mod u li hi u l-appellant fuq il-mutur kienu mixjin fuq il-lemin tat-traffiku. Qalet li l-van kiser ghal fuqhom, ma kellux *indicator*, u dahal go fihom. Ma ftakritx jekk kienx hemm karrozzi pparkjati mal-genb. Hija kienet qed thares lejn ix-xellug u ghalhekk rat il-van idur u setghet tinnota li ma kellux *indicator* mixghul; xeghlu meta kienu ma' l-art wara l-habta.

Il-kollizjoni giet investigata minn P.S. 1381 Michael Camilleri li qal li fejn gara l-incident kien hemm karrozzi pparkjati; dan ifisser li t-traffiku f'dak il-punt jimxi *single lane*. Fir-rapport esebit minnu (ara fol. 18 - 20) il-verzjonijiet moghtija lilu miz-zewg sewwieqa jirrifletti dak li xehdu quddiem l-ewwel Qorti.

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant isostni li l-incident in kwistjoni ma garax b'tort u traskuragni tieghu imma minhabba li s-sewwieq tal-van naqas milli jzomm *a proper*

*look-out* u jissenjala l-intenzjoni tieghu li jdur. Ighid li kieku s-sewwieq tal-van verament hares fil-mera, kien jara lill-appellant gej bil-mutur. Skond l-appellant in-natura tal-hsarat li garrbu z-zewg vetturi taghti kredibilita` lill-appellant. Inoltre t-triq fejn kien diehel il-van hija dejqa u mill-iskizz jidher car li bil-mod kif dar kien qieghed *cutting corners*. L-appellant jammetti li kellu l-obbligu li joqghod attent meta qieghed isuq *alongside* serbut ta' karrozzi u specjalment meta kien qieghed javvicina triq sekondarja, izda in vista tal-lokalita` u tac-cirkostanzi kollha meta sehh l-incident, isostni li wiehed ma ghandu jsib xejn x'jigi ccensurat fis-sewqan tieghu: kien qieghed isuq bi speed normali, l-incident ma kienx isehh li kieku s-sewwieq tal-van zamm *a proper look-out*, xeghel l-*indicator* fil-hin, waqaf u accerta ruhu li ma kienx gej traffiku minn warajh.

Anke jekk is-sewwieq tal-van kien xeghel l-*indicator*, dan il-fatt wahdu ma kienx jaghtih xi dritt assolut li jaghmel dak li qed jindika li bi hsiebu jaghmel peress li dan is-sinjal jindika biss <u>l-intenzjoni</u> tas-sewwieq, cioe` dik li juri fi zmien adegwat minn qabel x'inhi l-manuvra li jrid jaghmel. Fis-sentenza taghha tat-3 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Ivan Vella**, din il-Qorti (diversament presjeduta) qalet:

"Il-fatt li sewwieq jixghel l-*indicator* tieghu ma jfissirx li hu jista' jaqbad u jaghmel il-manuvra tieghu minghajr ma jiehu wkoll, u minn qabel, kull prekawzjoni mehtiega biex jara li ma jigix kawzat xi incident. L-obbligu tal-*'proper lookout'*, tas-sewqan prudenti, jibqa' xorta wahda fuq kull sewwieq, irrispettivament jekk jixghelx l-*indicator* jew le. L-*indicator* ismu mieghu, juri jew jindika biss dak li bi hsiebu jaghmel is-sewwieq,  u ma jaghtih ebda dritt li jaghmel xi manuvra minghajr ma wkoll jesplora dak kollu li qed jigri madwaru.

Sewqan prudenti jitlob li meta wiehed sejjer jaghmel manuvra konsistenti f'*right hand turn* hu ghandu jixghel l-*indicator* f'hin u distanza adegwata qabel il-punt fejn irid jaghmel ir-*right turn'*, jieqaf ezattament qabel ma jibda jdur u jesplora t-triq sewwa, minn kull naha u angolu, sabiex jara li ghandu *'a clear way'* qabel ma jkompli bil-manuvra li

jrid jaghmel. Hu biss wara li jara li ma hemm ebda traffiku iehor fil-vicinanzi tieghu li sewwieq prudenti ghandu jaghmel il-manuvra ta' *'a right hand turn'*. Ovvjament, sewwieq f'tali cirkostanzi jibqa' obbligat wkoll li jara anke jekk hemmx xi traffiku gej warajh jew jekk hemmx xi traffiku li gja` beda jissorpassah fil-mument li hu jibda jaghmel il-manuvra tar-*'right hand turn'*."

Fil-kaz in ezami, anke kieku din il-Qorti kellha taccetta bhala fatt li s-sewwieq tal-van kien xeghel l-*indicator*, m'hemm l-ebda dubju li naqas serjament milli jzomm *a proper look-out*. Ghalkemm ighid li hares fil-mera tan-nofs, dan mhuwiex bizzejjed biex jiddetermina jekk kienx hemm vetturi ghaddejjin minn ma' genbu. Inoltre mix-xiehda tieghu stess ma jirrizultax li waqaf qabel ma effettivament beda jimmanuvra biex jidhol fi New Street.

In-nuqqasijiet ta' min sejjer jaghmel *right hand turn* pero` ma jezonerawx awtomatikament lil min ikun gej minn warajh mir-responsabbiltajiet tieghu. Il-manuvra ta' sorpass effettivament hi manuvra delikata u ghandha ssir bil-prudenza mehtiega u biss meta s-sewwieq li jixtieq jeffettwa tali manuvra jkun assigura ruhu li jista' jaghmel hekk minghajr dannu jew periklu ghalih innifsu u ghal haddiehor. Bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza taghha tad-9 ta' Settembru 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bartolo**:

"Issa, hi regola elementari tas-sewqan (riflessa fit-tieni parti tar-regolament 75 tar-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur) li meta persuna tigi biex tissorpassa, bil-vettura taghha, vettura ohra sejra fl-istess direzzjoni, is-sewwieq li qed jaghmel il-manuvra ta' sorpass ghandu jiehu l-prekawzjonijiet <u>kollha</u> mehtiega sabiex jassigura li tali manuvra <u>mill-bidu sa l-ahhar taghha</u> ma tkunx ta' perikolu kemm ghalih kif ukoll - u aktar - ghal vetturi ohra, specjalment vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta. Ghalhekk, qabel ma jibda tali manuvra is-sewwieq sorpassant ghandu  qabel xejn jassigura li t-triq hija libera ghal distanza bizzejjed kemm quddiemu kif ukoll warajh; u <u>l-manuvra ghandha tkun wahda rapida, jigifieri li ma tinvolvix li l-vettura li tkun qed taghmel il-manuvra ta'</u>

sorpass tispicca ghal xi hin miexja pari passu mal-vettura li qed tigi sorpassata".

M'hemm l-ebda dubju li l-appellant kien qieghed jaghmel manuvra ta' sorpass, mhux biss tal-van misjuq minn Mark Anthony Portanier izda ta' serbut ta' vetturi. Il-fatt li kien miexi bil-mod ifisser li kien qieghed jaghmel xi ftit tal-hin biswit kull vettura li jissorpassa. Peress li l-*flow of traffic* kien qieghed javvicina triq fuq in-naha tal-lemin, u f'punt ukoll fejn kien hemm vetturi pparkjati man-naha tax-xellug li allura necessarjament kien ifisser li l-ispazju kareggjabbli tat-triq kien qieghed jidjieq b'mod li t-traffiku kellu jimxi *sigle lane*, l-appellant kellu jaghti attenzjoni ghall-possibbilita` li xi vettura tkun trid teffettwa *a right hand turn* biex tidhol f'dik it-triq. L-artikolu 74 tal-Malta Highway Code jirrakkommanda:

**"DO NOT OVERTAKE at or when approaching**
**…**
**(ii) a road junction ….**

**DO NOT OVERTAKE -**

**(i) where the road narrows;**
**…**
**(iv) when there is a long stream or a convoy of vehicles ahead of you …."**

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant wera nuqqas ta' prudenza meta, minflok ma zamm lura, baqa' ghaddej bil-manuvra kontinwa tieghu ta' sorpass u konsegwentement inhasad meta l-van dar lejn il-lemin b'tali mod li ma setax jiehu xi azzjoni evaziva. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, filwaqt li taqbel ma' l-ewwel Qorti li kien hemm kontributorjeta` da parti taz-zewg sewwieqa, ma taqbilx li fil-kaz ta' l-appellant kien hemm l-estremi tas-sewqan perikoluz, li ghandu pero` jigi dikjarat hati ta' sewqan traskurat.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ddikjarat li l-ewwel imputazzjoni hija preskritta u in kwantu ddikjarat lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tieni imputazzjoni, ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' Lm100 u skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenza tas-sewqan ghal tliet xhur mid-data ta' dik is-sentenza, u minflok tiddikjarah mhux hati ta' sewqan perikoluz izda tiddikjarah hati ta' sewqan traskurat a tenur ta' l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 u tikkundannah ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' hamsin liri Maltin (Lm50) u tiskwalifikah mil-licenza tas-sewqan ghal perijodu ta' tmint ijiem, liema perijodu jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------